MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2008

Numru. 654/2008

Il-Pulizija
(Sp Maurice Curmi)
vs
Joseph Mary Borg, iben Anthony, imwieled Valletta fit-8 ta' marzu, 1950

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli f'Mejju, 2006 u fix-xhur preċedenti, f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda, b'mezzi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal

tama jew biża' dwar ġrajja kimerika, għamel qliegħ ta' aktar minn €2,329.37 għad-dannu tal-bank HSBC;
2. talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanżi għamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħoloq pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi;
3. talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanżi sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih inniffsu jew għal ħaddieħor, f'dokument maħsub għal awtorita' pubbllika, xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta tagħrif falz;
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-liġi, tordna lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta' Ottubru, 2008 fejn il-partijiet infurmaw il-Qorti li l-imputat ma bbenefika f'ebda mod minn dak li jagħmel u cioe' mill-falsifikazzjoni ta' 'pay slips' u l-formula FS3 ta' sitt persuni li applikaw għall-'Flexi Loans ma l-bank HSBC. Irrizulta wkoll li dawn il-persuni qed iħallsu regolarment lill-bank għas-self li kisbu.

Rat il-verbal tas-sduta tas-27 ta' Ottubru, 2008 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-ewwel akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah mill-istess akkuża. Issibu ħati tat-tieni u tat-tielet akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 183, 188 u 189 tal-Kodiċi Kriminali. Rat l-ammissjoni bikrija, il-fedina penali u il-fatti hawn fuq imsemmija. Tikkundannah għal piena ta' sena priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma sseħħ ħlief jekk l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija. Fiċ-ċirkostanżi mhemm x lok għall-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------